DOK. 26
HEALTH COMM
MTG 12

Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal

Office of the Commissioner for Children

**L-Età Minima ta' Kunsens għal Attività Sesswali -**

*Proposta ta' bażi ta' diskussjoni dwar jekk l-età għandhiex tinżel għal sittax-il sena*

Il-punt ta' tluq ta' kwalunkwe inizjattiva ta' liġi jew politika li tirrigwarda t-tfal għandu jkun dak imfisser f' Artiklu 3 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li jgħid hekk:

*F'dak kollu li jsir dwar it-tfal, kemm minn istituzzjonijiet pubbliċi jew privati ta' ħarsien soċjali, minn qrati tal-ġustizzja, awtoritajiet amministrattivi jew korpi leġislattivi, l-aħjar interessi tat-tfal għandu jkun ħsieb ewlieni.*

Dan ifisser li l-ħtieġa li l-liġi ta' pajjiżna tkun konformi ma' pajjiżi oħra membri tal-Unjoni Ewropea jew li din tirrifletti l-evolviment tas-soċjetà ma jistgħux ikunu raġunijiet b'saħħithom biżżejjed biex liġi li tolqot l-aħjar interess tat-tfal fit-tajjeb jew fil-ħażin titbiddel. Biex dan ikun jista' jsir, irid jintwera li tali bidla ser tolqot l-aħjar interess tat-tfal fit-tajjeb mhux fil-ħażin.

Irridu niftakru li l-kunsens ma jfissirx li wieħed jaċċetta jew le li jieħu sehem f'xi attività. Il-kunsens ifisser li wieħed ikun kapaċi jagħraf l-implikazzjonijiet kollha ta' din l-attività u jieħu deċiżjoni skont dan l-għarfien. Dan ifisser li biex il-kunsens ikun validu u ġenwin, l-għarfien irid ikun korrett u sħiħ. Barra minn hekk, dan l-għarfien fattwali irid ikun akkumpanjat minn għarfien tal-konsegwenzi morali u emozzjonali tal-attività, jiġifieri minn kuxjenza tar-responsabiltajiet personali u interpersonali li ġġorr magħha tali attività.

L-importanza tal-għarfien sħiħ jassumi importanza ikbar meta applikat għall-attività sesswali, peress li din l-attività hija fost l-iżjed dimensjonijiet kumplessi u profondi tal-ħajja tal-bniedem. Għarfien sħiħ tas-sesswalità jfisser li wieħed ikun familjari mhux biss mal-aspetti fattwali u materjali tal-attività sesswali, iżda wkoll u speċjalment mal-aspetti emotivi, psikoloġiċi u relazzjonali ta' din l-attività. Bniedem li jkollu għarfien sħiħ dwar l-attività sesswali mhux bil-fors li jkollu kuxjenza soda u sħiħa dwar ir-responsabiltajiet marbutin ma' din l-attività. Per eżempju, bniedem jista' jkun konxju li attività sesswali mhux ikkontrollata tista' tagħmel ħsara għal saħħtu u għal saħħet is-sieħeb/sieħba sesswali tiegħu iżda xorta ma jkollux kuxjenza tar-responsabiltà li

ġġorr. Bl-istess mod, bniedem jista' jkun jaf li attività sesswali ma' persuna oħra għandha impatt qawwi ħafna fuq l-emozzjonijiet taż-żewġ partijiet iżda xorta ma jkollux sens ta' responsabiltà b'saħħtu biżżejjed biex jagħraf ma jweġġax l-emozzjonijiet tiegħu u tas-sieħeb/sieħba sesswali tiegħu.

Il-fatt li ħafna aktar żgħażagħ huma sesswalment attivi minn età pre-adulta jista' jfisser li għandhom ċertu livell ta' għarfien dwar l-aspetti strettament fiżiċi tal-attività sesswali. Madankollu jaf ikun hemm ċertu lakuni jekk dan l-għarfien ikun issawwar mhux permezz ta' edukazzjoni sesswali ħolistika iżda minn esperjenzi sesswali, speċjalment jekk dawn l-esperjenzi jkunu frammentati u mhux parti minn relazzjonijiet stabbli u fit-tul. Barra minn hekk, l-attività sesswali taż-żgħażagħ per se ma tfissirx li huma għandhom dehen u għarfien dwar l-aspetti iktar intimi u sottili tas-sesswalità, jew li għandhom kuxjenza soda u sħiħa tar-responsabiltajiet li qed iġġorru lejhom infushom u lejn l-persuna l-oħra meta jkunu sesswalment attivi. Wieħed ma jistax jippretendi li persuni li għadhom fil-bidu tal-maturità sesswali u psikoloġika tagħhom ikollhom għarfien tas-sesswalità li jirrefletti l-isfaċċettaturi kollha ta' din id-dimensjoni daqshekk kumplessa u profonda tal-ħajja umana.

Dan ma jfissirx li ż-żgħażagħ m' għandhomx jibdew jiskopru s-sesswalità tagħhom qabel ma jsiru adulti. Anzi, ż-żgħażagħ għandhom ikunu miftuħin għall-esperjenza tas-sesswalità tagħhom. Iżda, din l-iskoperta għandha ssir fil-kuntest ta' edukazzjoni sesswali ħolistika li takkumpanja l-iżvilupp sesswali taż-żgħażagħ. Din l-edukazzjoni li trid issir mill-ġenituri fid-dar u mill-għalliema fl-iskejjel trid tkun kapaċi tiggwida lill-adolexxenti billi tismagħhom mingħajr ma tiġġudikom u tifttħilhom għajnejhom għall-aspetti kollha tas-sesswalità tagħhom.

Iż-żgħażagħ għandhom dejjem iħossuhom komdi li jfittxu l-għajnuna u l-gwida ta' nies imħarrġin biex jagħtuhom pariri dwar il-ħajja sesswali tagħhom mingħajr biżà li se jiġu ġġudikati jew saħansitra rrapportati lil xi awtorità, inluż dik tal-ġenituri. Fost dawn il-professjonijiet hemm dawk tas-saħħa sesswali li jridu jkunu kapaċi jħarsu 'l hinn mill-età taż-żgħażagħ li jiġu quddiemhom u jkejlu l-livell ta' għarfien tagħhom sabiex jagħrfu jekk humiex psikoloġikament preparati għal ċerti pariri jew trattamenti.

Element importanti li l-edukazzjoni sesswali għandha tipprova twassal liż-żgħażagħ hu li l-attività sesswali hija ta' ġid biss fi ħdan relazzjoni stabbli u fit-tul ma' persuna waħda. Li żewġ żgħażagħ jiskopru s-sesswalità tagħhom flimkien fl-isfond ta' relazzjoni sinċiera bejniethom u bl-għajnuna ta' edukazzjoni u gwida professjonali mhijiex ħaġa ħażina.

L-istess ma jistax neċessarjament jingħad għal attività sesswali bejn persuna li qed tiskopri s-sesswalità tagħha u persuna li hija ħafna iżjed matura sesswalment u emozzjonalment, anke meta din l-attività tkun parti minn relazzjoni stabbli u fit-tul. Hawnhekk hemm riskju li l-persuna inqas matura tweġġa' psikoloġikament jew emozzjonalment u li l-persuna iktar matura tabbuża mill-maturità superjuri tagħha jew anke mill-poter li jista' jkollha fuq il-persuna l-oħra b' mod intenzjonali jew mhux.

L-età tal-persuna fiha nnfisha m'hijiex indikatur preċiż tal-maturità sesswali tal-persuna, li tiddependi ħafna mit-tip ta' edukazzjoni sesswali li tkun irċeviet il-persuna. Għalhekk, id-domanda għandha tkun mhux jekk iż-żgħażagħ humiex kbar biżżejjed fl-età biex jagħtu kunsens infurmat u intelliġenti għall-attività sesswali iżda jekk humiex preparati u edukati biżżejjed biex jagħtu kunsens mibni fuq għarfien sħiħ tas-sesswalità u tar-responsabiltajiet personali u interpersonali li din l-attività ġġorr magħha. Madanakollu, jibqa' l-fatt li l-edukazzjoni sesswali ma tistax tiġi assimilata fi kwalunkwe età iżda trid timxi pari passu mal-maturità li t-tfal u ż-żgħażagħ jiksbu huma u jikbru fl-età.

Huwa diffiċli ħafna li tiddefinixxi l-età li fiha l-persuna tkun matura biżżejjed biex permezz ta' edukazzjoni sesswali tajba u ħolistika takkwista għarfien sħiħ biżżejjed tas-sesswalità biex tkun kapaċi tagħti kunsens infurmat għal attività sesswali. Dan għax iż-żgħażagħ ma jimmaturawx kollha bl-istess ritmu anke meta jirċievu l-istess edukazzjoni u jikbru fl-istess tip ta' ambjent. Minkejja dawn id-differenzi, xorta jinħass il-bżonn ta' età minima tal-kunsens għal attività sesswali li tħares iż-żgħażagħ mill-perikli ta' attività sesswali li ma jkunux lesti għaliha.

Liema għandha tkun l-età minima jrid jiġi stabbilit permezz mhux ta' rieda politika iżda bis-saħħa ta' għerf xjentifiku dwar l-iżvillupp emottiv, intellettwali, soċjali, fiżiku, morali u sesswali tat-tfal fis-soċjetà tal-lum. Dan ifisser li qabel ma jsir kwalunkwe pass leġislattiv għal tibdil fl-età minima li hemm bħalissa, jiġifieri ta' tmintax-il sena, iridu jiġu stabbiliti l-fatti dwar dan is-suġġett. Għaldaqstant, il-proċess għandu jibda permezz ta' dibattitu fi ħdan il-Kumitati Parlamentari dwar is--Saħħa, bil-parteċipazzjoni wkoll tal-Kumitati dwar il-Politika Soċjali, u dak tal-Familja, f' liema dibattitu għandhom jinstemgħu diversi esperti fix-xjenzi tal-iżvillupp fiżiku, sesswali u psikoloġiku u fix-xjenza tal-pedagoġija. Skont l-istampa li toħroġ minn dan id-dibattitu għandha ssir proposta lill-Parlament għal tibdil jew le fil-liġi.

Jkun xi jkun l-eżitu ta' dan il-proċess, irridu niftakru li biex l-liġi li tirregola l-età minima tal-kunsens għal attività sesswali tkun effettiva, trid tkun akkumpanjata minn politika b' saħħitha u ħolistika ta' tisħiħ tal-edukazzjoni sesswali u tas-servizzi ta' saħħa sesswali.

OFFICE OF THE COMMISSIONER FOR CHILDREN, 16/18 TOWER PROMENADE, ST LUCIA, SLC 1019, MALTA
TELEPHONE: (356) 2148 5180 EMAIL: cfc@gov.mt